

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Lulju 2018 – CSTP Azienda della Mobilità vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-186/15) ⁽¹⁾**

(“Għajjnuna mill-Istat — Impriża li topera netwerks ta’ rotot bix-xarabanks fir-Regione Campania — Vantaġġ — Servizz ta’ importanza ekonomika ġenerali — Kumpens tariffarju għal obbligi ta’ servizz pubbliku mogħti wara deċiżjoni ta’ qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Għajjnuna eżistenti u għajjnuna ġdida — Regolament (KEE) Nru 1191/69 — Kundizzjonijiet ta’ eżenzjoni mill-obbligu ta’ notifika — Artikolu 4(5) u Artikolu 7(6) tar-Regolament (KE) Nru 659/99 — Kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni u tal-qradi nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat — Awtorità ta’ res judicata ta’ sentenza ta’ qorti nazzjonali superjuri — Applikazzjoni razione temporis tar-regoli tad-dritt sostantiv — Aspettattivi leġittimi — Ċertezza legali”)

(2018/C 301/32)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: CSTP Azienda della Mobilità SpA (Salerno, l-Italja) (rappreżentanti: G. Capo u L. Visone, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, G. Conte u P.-J. Loewenthal, aġenti)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Asstra Associazione Trasporti (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: M. Malena, avukat)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1074 tad-19 ta’ Jannar 2015, dwar l-għajjnuna mill-istat SA.35842 (2014/C) (ex 2012/NN) mogħtija mill-Italja – Kumpens addizzjonali rigward obbligi ta’ servizz pubbliku favur CSTP (ĠU 2015, L 179, p. 112).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) CSTP Azienda della Mobilità SpA hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Asstra Associazione Trasporti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 190, 8.6.2015.